MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1422/2003

**Carmel Cascun**

**Vs**

**Nikolina mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Scicluna, Carmen u Joseph ahwa Grixti, Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Bernardina, Ikoll eredi ta' Carmelo mizzewgin Scicluna u Dr Pawlu Lia bhala esekutur testamentarju nominat ta' Carmela Scicluna, Maria armla minn Vincent Cascun, Anthony Cascun, Grazia mart Carmelo Farrugia u Antonio Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuta thallsu s-somma ta' elf, seba' mija, sebgha u erbghin Ewro (€1747.00), *ossia* seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm750), rapprezentanti legat testamentarju.

Illi permezz ta’ testament *unica carta* tal-21 ta’ Frar, 1987, fl-atti tan-Nutar Carmelo Martinelli maghmul minn Carmela nee Cilia u Carmelo mizzewgin Scicluna u testmenti tat-3 ta’ Ottubru, 1992, fl-Atti tan-Nutar Philip Said, maghmul minn Carmelo Scicluna, l-attur gie imqieghed bhala legatarju fl-ammont ta’ Lm750.

Illi l-konvenuti huma l-eredi tad-*decuius* skond l-istess testmenti, liema testmenti jirrapprezentaw ir-rieda definittiva tat-testatarji u sa llum, l-attur ghadu ma giex imqieghed fil-pussess tal-legat imsemmi.

Ghalhekk l-attur jitlob li dan it-Tribunal jordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsuh l-ammont ta’ Lm750 lilu dovut skond it-testmenti msemmija.

Bl-ispejjez u imghax minn notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Dr. Pawlu Lia bhala esekutur testamentarju nominat ta’ Carmela Scicluna fejn issolleva illi preliminarjament in kwantu diretta kontra l-esponent Dr. Pawlu Lia bhala esekutur testamentarju nominat ta’ Carmela Scicluna, l-azzjoni attrici tinsab preskritta ai termini ta` l-artiklu 845 tal-Kodici Civili.

Bla pregudizzju ghas-sueccepit l-esponent nomine fil-mertu jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta’ dan it-Tribunal.

Ra ir-risposta ta’ Joseph Grixti, Carmen Grixti u Angela Farrugia fejn gie sollevat illi preliminarjament l-azzjoni attrici tinsab preskritta ai termini ta` l-artiklu 845 tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta’ Malta.

Subordinatament u fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju ta’ dan it-Tribunal.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi  fil-konfront ta’ Nikolina, mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia,  Joseph Scicluna, Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Bernardina lkoll eredi ta’ Carmelo mizzewgin Scicluna, Maria armla minn Vincent Cascun, Anthony Cascun, Grazia mart Carmelo Farrugia u Antonio Scicluna, il-konvenuti baqghu  ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati.

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw l-kawza u  ghalhekk Nikolina, mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia,  Joseph Scicluna, Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Bernardina lkoll eredi ta’ Carmelo mizzewgin Scicluna, Maria armla minn Vincent Cascun, Anthony Cascun, Grazia mart Carmelo Farrugia u Antonio Scicluna huma kontumaci.

Ra illi l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni u fin-nuqqas ghas-sentenza.

Ral-atti u d-dokumenti kollha pprezentati f’din il-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza *si tratta* ta’ hlas ta’ somma flus rapprezentanti legat testamentarju lill-attur mill-konvenuti.

Illi t-Tribunal fis-17 ta’ Mejju, 2007 kien irrespinga l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Ra li peresss li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw l-kawza u ghalhekk Nikolina, mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia,  Joseph Scicluna, Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Bernardina lkoll eredi ta’ Carmelo mizzewgin Scicluna, Maria armla minn Vincent Cascun, Anthony Cascun, Grazia mart Carmelo Farrugia u Antonio Scicluna baqghu kontumaci.

Illi permezz ta’ nota ezebita mill-Avukat Dr. Pawlu Lia ezebixxa kopja tac-certifikat tal-mewt ta’ Carmelo Scicluna, li miet fil-21 ta’ Lulju, 1993.

Ra it-testmenti *unica carta* tal-mizzewgin Carmelo u Carmela mizzewgin Scicluna, maghmul fil-21 ta` Frar, 1987, fl-atti tan-Nutar Carmelo Martinelli u t-testment ta` l-armel Carmelo Scicluna, maghmul fit-3 ta’ Ottubru, 1992, fl-atti tan-Nutar Philip Said wara l-mewt ta’ martu Carmela Scicluna.

Illi dwar l-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni ta’ ghaxar snin, it-Tribunal jirrileva illi t-talba quddiem dan it-Tribunal gie pprezentat fil-21 ta’ Lulju, 2003. Ra illi Carmelo Scicluna miet fil-21 ta’ Lulju, 1993.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi l-eghluq tal-preskrizzjoni tibda` tghodd mill-gurnata tal-mewt ghall-ghaxar snin u huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi l-ghaxar snin jaghlqu l-gurnata wara l-21 ta’ Lulju, 2003 u li ghalhekk fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, il-kawza fil-konfront tal-konvenuti mhijiex preskritta.

Izda fi kwalunkwe’ kaz jekk wiehed jara l-kalendarju tas-sena 1993, jara li l-21 ta’ Lulju, 2003, kienet taqa’ l-Hadd u ghalhekk jekk hemm xi dubju dwar l-preskrizzjoni, dan zgur m’ghandux jitqies peress illi l-ligi hija cara illi meta ghandu jigi determinat il-preskrizzjoni meta il-gurnata taqa’ nhar ta’ Sibt jew il-Hadd hemm dejjem possibilita’ li l-preskrizzjoni tigi interrotta jekk att gudizzjarju jsir it-Tnejn, immedjatament wara.

It-Tribunal ra bir-reqqa z-zewg testmenti mmarkati bhala CS1 u CS2 ezebiti a fol. 41 u 52 u t-Tribunal huwa tal-fehma illi t-testment *unica carta* maghmul fil-21 ta’ Frar, 1987, fl-atti tan-Nutar Carmelo Martinelli maghmul minn Carmela nee Cilia u Carmelo mizzewgin Scicluna, l-konvenuti huma l-eredi tad-*decuius* skond l-istess testment, liema testment jirrapprezentaw ir-rieda definittiva tat-testatarji. Skond l-artiklu hdax (11) ta’ dan it-

testment, l-attur gie mholli b'titolu ta' prelegat ghal wara mewthom it-tnejn, is-somma ta' Lm1,500 ghal darba biss.

Illi wara l-mewt ta' martu Carmela, Carmelo Scicluna ghamel testment iehor. Illi dejjem skond it-testment *unica carta* tal-mizzewgin Carmelo u Carmela mizzewgin Scicluna maghmul fil-21 ta` Frar, 1987 fl-atti tan-Nutar Carmelo Martinelli, l-artiklu sittax, (16) ta' dan it-testment taw il-fakulta' lil xulxin li jkunu jistghu ghas-sehem taghhom proprju jbiddlu jew ihassru dan it-testment minghajr ma jaqghu fil-pieni li tghid fil-ligi.

Illi skond it-testment tat-3 ta' Ottubru, 1992, fl-atti tan-Nutar Philip Said, maghmul minn Carmelo Scicluna, wara l-mewt ta' martu Carmela, ipprevalixxa ruhu bil-fakulta` lilu koncessa mill-imsemmija martu Carmela Scicluna, li jkun jista' jaghmel testmenti ohra.

Fil-fehma tat-Tribunal, l-ewwel artiklu tat-testment tat-3 ta' Ottubru, 1992, maghmul minn Carmelo Scicluna, armel ta' Carmela Scicluna, rrevoka u hassar kull testment tieghu maghmul minnu wara dak tal-21 ta' Frar, 1987 u ried li s-successjoni tieghu tigi regolata bil-prezenti testment biss.

Illi mkien f'dan it-testment issemma l-prelegat ta' Lm1,500 jew in-nofs sehem tad-*decuius* Carmelo Scicluna.

Illi s-sehem tan-nofs il-prelegat ta' Lm1,500 tad-*decuius* Carmela Scicluna skond it-testment *unica carta* maghmul fl-1987, kellu jigi mholli wara l-mewt tat-tnejn u cioe' wara l-mewt ta` l-ahhar wiehed minnhom li kien Carmelo Scicluna li miet fil-21 ta' Lulju, 1993.

Illi ghalhekk sehem il-mejta Carmela Scicluna u cioe' nofs il-prelegat ta' Lm1,500 kellu jithallas ma` l-mewt ta' Carmelo Scicluna. Issa fil-waqt illi is-sehem tal-mejjet Carmelo Scicluna ma giex imholli lill-attur fl-ahhar testment li ghamel Carmelo Scicluna wara l-mewt ta' martu Carmela ma jfissirx illi sehem martu u cioe' n-nofs mholli fit-testment maghmul *unica carta* ma kellux jigi mholli favur l-attur ma` mewtu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jidhirlu illi s-somma mitluba ta' elf, seba' mija, erbgha u sebghin Ewro (€1747) li fit-testment jidhru bhala Lm750, rapprezentanti legat testamentarju, ghandha tigi mhallsa lill-attur skond ir-rieda tad-defunta Carmela Scicluna nee Cilia.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf, seba' mija, erbgha u sebghin Ewro (€1747) li fit-testment jidhru bhala Lm750, rapprezentanti legat testamentarju, bl-interessi skond il-ligi mill-mewt ta' Carmelo Scicluna.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------